**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 14 ta' Dicembru 2016**

**Talba Nru: 103/16 CZ**

**Ing. Edwin Aquilina**
**(ID 648163 (M)**

**vs**

**Swallow Limited**
**(C 19713)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur mressqa fit-22 ta' Marzu 2016 fejn talab lil dan it-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallsu s-somma komplessiva ta' hames mija u sitta u sittin Euro u erbghin centezmu (€566.40), VAT inkluz, rapprezentanti din is-somma

servizzi ta' konsulenza moghtija minnu skond il-fattura datata 31 ta' Ottubru 2014 u bir-referenza numru SW01/14 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. A).

Illi l-attur premetta wkoll illi ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont hekk dovut minnha inkluz b'ittra mibghuta fil-5 ta' Frar 2016 (hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B), is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti; ghaldaqstant kellha ssir din it-talba.

Bl-ispejjez kollha, u bl-imghax fuq l-ammont dovut mid-data illi tali ammont sar hekk dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta illi tinsab minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fit-12 t'April 2016, is-socjeta' konvenuta wiegbet:

1. Illi l-attur baqa' qatt ma qeda l-inkarigu moghti lilu stante li l-ftehim huwa li l-attur kellu jottjeni ghas-socjeta' esponenti licenzja wadha minghand l-awtorita' MRA, liema applikazzjoni u licenzja qatt ma saret;
2. Illi fi kwalsiasi kaz l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat;
3. Illi fil-kumplament it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi fis-seduta ta' l-24 ta' Novembru 2016, il-partijiet awtorizzaw lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qieghed jippretendi hlas ghal servizzi professjonali ta' inginier li ppresta fl-interess tas-socjeta' konvenuta, u partikolarment sabiex l-istess socjeta' tkun tista' tottjeni xi permessi mighand l-awtorita' regolatorja rigwardanti tankijiet tad-diesel fil-post minn fejn topera.

Illi l-attur xehed illi kien iltaqa' ma' Saviour Abela, rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, u mar fuq il-post biex jara x'kien mehtieg; prepara d-dokumenti kollha li kien hemm bzonn, kif ukoll hejja pjanta tal-post, peress li s-socjeta' konvenuta ma kellhiex tali pjanta. Sussegwentement halla d-dokumentazzjoni relattiva ghand is-socjeta' konvenuta, biex din tkun tista' tipprocessaha ma' l-awtorita', flimkien ma' dokumenti ohra li kienu fil-pussess tas-socjeta' konvenuta. Ftit wara li mposta l-karti ghand is-socjeta' konvenuta, l-attur fil-5 ta' Gunju 2015 baghat posta elettronika fuq l-indirizz generiku tas-socjeta' konvenuta sabiex ifakkarha li seta' jaghmel kopja ohra originali tad-dokumenti, purke' jithallas ta' xoghlu.

Illi l-attur xehed ukoll illi kien qal lil Saviour Abela li x-xoghol *in toto* kien jitlob hlas ta' madwar erba' mija u hamsin Euro (€450), izda dan kien jiddependi mill-ammont ta' xoghol li wiehed jiltaqa' mieghu.

Illi ghas-socjeta' konvenuta, min-naha l-ohra, xehed Saviour Abela, direttur tas-socjeta' konvenuta. Dan qal illi l-ftehim tieghu ma' l-attur kien illi jlesti x-xoghol u hekk kif

jinkiseb il-permess, ihallsu. Qal ukoll illi kienu ftehmu li jhallas erba' mitt Euro (€400) u sussegwentement l-attur kien talbu hames mitt Euro (€500). Qal ukoll illi qatt ma kienet waslitlu l-ebda korrispondenza minghand l-Inginier Aquilina, u sussegwentement kien qabbad lil haddiehor biex jaghmel dan ix-xoghol.

Illi t-Tribunal jinnota pero' illi l-attur kien baghat kopja tax-xoghol tieghu anke f'forma elettronika mal-posta elettronika li ssemmiet aktar 'il fuq. Ghal din il-korrispondenza, l-attur qatt ma kellu risposta. Anzi, l-attur xehed illi wara xi zmien, Saviour Abela beda jaqla' hafna skuzi sabiex ihallas. Mistoqsi dwar l-*e-mail address* tieghu, Abela ikkonferma illi kien dak illi kien baghat fuqu l-attur, izda stqarr illi l-iskrivani tieghu mhux dejjem jaraw l-e-mail, ghax ikunu barra.

Illi minn ezami tad-dokumenti esebiti mill-attur, inkluz il-pjanta relattiva, jidher illi l-attur ghamel ammont ta' xoghol, u ma giex kontestat mis-socjeta' konvenuta illi fil-fatt ghamel dan ix-xoghol. Lanqas ma kien hemm xi tip ta' allegazzjoni jew eccezzjoni fis-sens illi x-xoghol sar hazin jew b'nuqqas ta' professjonalita'. Jidher ghalhekk illi x-xoghol mehtieg sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tipprosegwi bl-applikazzjoni taghha, l-attur kien lahaq ghamlu. Dan iktar u iktar meta skond id-dokument mahrug mir-Regulator for Energy and Water Services, kellha tkun is-socjeta' konvenuta illi fl-ahhar stadji tissottometti l-applikazzjoni direttament hi u ssegwi l-ezitu hi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk l-attur irnexxielu jipprova n-natura u l-portata tas-servizzi li rrenda. Min-naha l-ohra, ghalkemm is-socjeta' konvenuta ressqet l-eccezzjoni illi l-ammont mitlub huwa esagerat, ma gabitx provi f'dan is-sens.

Illi l-ikbar punt li l-partijiet ma jaqblux bejniethom dwaru huwa dwar meta kellu jsir il-hlas relattiv. Filwaqt li l-attur qed jghid li l-hlas ghandu jsir malli tlesta x-xoghol min-

naha tieghu, is-socjeta' konvenuta qed tghid li l-hlas ghandu jsir malli jinkiseb il-permess in kwestjoni. It-Tribunal isibha difficli jemmen din it-tieni tezi, anke ghaliex mhuwiex prattiku illi wiehed jistenna proceduri shah jitlestew qabel ma wiehed jithallas ghal xoghlu, ladarba m'hemmx xi sistema ta' hlas istituzzjonalizzata li tiddetta dan l-arrangament. Dan apparti l-fatt illi l-istess applikazzjoni tas-socjeta' konvenuta setghet eventwalment tincahad.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana illi kull xoghol ghandu jsir il-hlas misthoqq ghalih. Intqal fis-sentenza fl-ismijiet *Nutar Dr. Remigio Zammit Pace vs Sunrise Park Hotels Ltd. et*[1] illi:

> Ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghal vantagg ta' haddiehor, hu intitolat li jigi retribwit. Dan in omagg principju illi omnia labor, optat premium. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni, anke ghaliex, fil-prattika kostanti tal-Qrati taghna, Qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar dak il-kwantum jekk mhux hlief u wara li tkun konvinta illi dik id-diskrezzjoni hi manifestament errata u jkunu jezistu ragunijiet gravi illi, jekk din il-Qorti ma tissostitwix id-diskrezzjoni taghha ghal dik ta' l-ewwel tribunal, tigi krejata inikwita` ghall-parti sokkombenti"

Illi fil-kaz in kwestjoni jidhol ukoll l-istitut tal-*locatio operis,* anke jekk mhux ghal xi haga maghmula bl-idejn, izda purament ghal servizzi professjonali. Fl-istess sentenza fuq imsemmija, inghad hekk:

[1] Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) *per* Onor. Imhallef Philip Sciberras – 20 ta' Novembru 2009

> Issa in tema legali, trattasi li hawnhekk qeghdin fil-presenza tal-figura guridika tal-locatio operis, ukoll jekk professjonali, ghal liema jirreferi l-Artikolu 1623 tal-Kodici Civili, il-kriterju dominanti fil-komputazzjoni tal-korrispettiv, attiz l-assenza ta' konvenzjoni minn qabel bejn il-partijiet u l-inapplikazzjoni ghall-fattispeci tat-tariffi professjonali dettati mil-ligi jew mill-uzu, kien dak meqjus mill-Qorti skond ic-cirkostanzi (Artikolu 1624, Kodici Civili). Jinzel minn dan illi, kif ravvizat f'sentenzi ohra ta' din l-istess Qorti, lil gudikant hu moghti l-funzjoni ta' arbitratur, f'liema kaz dan mhux vinkolat minn xi parametri prefissi. Jikkonsegwi ghalhekk illi in linea ta' massima l-attenzjoni tal-gudikant ghandha ghad-determinazzjoni tal-korrispettiv tiffoka ruhha fuq "id-durata, il-kwantita`, il-kwalita` u kull element iehor pertinenti tal-prestazzjonijiet ezegwiti u tar-rizultat utli percepit minn min jikkommissjona x-xoghol" jew is-servizz professjonali. Ara "Nazzareno Zammit -vsAnthony Desira", Appell Inferjuri, 7 ta' Frar, 2007. Anke jekk mhux ezawstiva tali konsiderazzjoni, ukoll jekk komplimentari, twessgha l-affermazzjoni tal-Qorti f'dik is-sentenza l-ohra citata. Dan kif analogikament deciz minn din l-istess Qorti f'sentenzi ohra ko-involgenti prestaturi professjonali. Ara inter alia "Avukat Joseph Sammut - vs- Goliath Developments Limited", 12 ta' April, 2007, u "Perit Caroline Caruana -vs- George Properties Limited", 9 ta' Jannar, 2009;

Illi kwantu ghall-apprezzament li jispetta lil dan it-Tribunal dwar jekk l-ammont mitlub mill-attur huwiex ragonevoli jew le, ghandu jinghad illi d-differenza bejn dak li qalu qablu fuqu bhala hlas il-partijiet hija ta' madwar mija u sitta w sittin Euro (€166), u dan ghaliex l-attur qed jitlob hames mija u sitta w sittin Euro w erbghin centezmu (€566.40), filwaqt illi s-socjeta' konvenuta qed tghid illi l-ftehim kien fuq erba' mitt Euro ((€400). Kunsidrat il-fatt illi, kif irrizulta, l-attur kellu wkoll jaghmel pjanta, bhala xoghol addizzjonali, tal-post in kwestjoni, it-Tribunal isib illi d-differenza bejn dak li qed

jippretendu l-partijiet hija differenza gustifikata u l-ammont li qed jitlob l-attur jimmerita li jithallas fis-shih.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talba ta' l-attur, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' hames mija u sitta u sittin Euro u erbghin centezmu (€566.40), bl-imghax mill-5 ta' Gunju 2015, u cioe' mid-data ta' l-e-mail mibghuta mill-attur lis-socjeta' konvenuta,u li biha jidher li x-xoghlijiet ta' l-attur kienu lesti. L-ispejjez jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**